**Xi tfisser għalik l-ugwaljanza bejn is-sessi?**

L-ugwaljanza bejn is-sessi tfisser li r-raġel u l-mara għandu jkun hemm l-istess drittijiet u dmirijiet.

Il-mara għandha kull dritt tipparteċipa b'mod sħiħ fid-dinja tax-xogħol u għal kull tip ta' taħriġ. In-nisa kollha, speċjalment dawk li huma tqal jew li għadhom kif weldu, għandhom kull dritt li fuq il-post tax-xogħol ikollhom is-sigurta' u iġene. Mara u raġel għandhom kull dritt li jiddevertu ma' sħabhom. In-nisa għandu jkollhom paga daqs ta' l-irġiel. Il-mara mhux bilfors hi trid tagħmel ix-xogħol tad-dar, kull membru tal-familja jrid jagħti daqqa t'id. Meta l-mara tmur tixtri, għandu jmur xi ħadd jgħinha biex iġġorr il-basktijiet tqal, speċjalment x'ħin tkun mara tqila jew anzjana. Is-sehem tan-nisa fil-politika mhux biss dritt iżda huwa mezz għall-progress soċjali. Jekk il-mara tkun se toħroġ għall-ewwel darba taħdem, ir-raġel għandu jemmen fiha u jappoġġjaha.

Jekk il-genituri jkunu separati u t-tfal ikunu (ħafna drabi) jgħixu ma' l-omm, il-missier għandu kull dritt li jara lil uliedu. Jekk il-mara ma toħroġx taħdem, il-mara trid tixtri l-bżonnijiet lil żewġha u mhux taħseb fiha nnifisha biss. Jekk ir-raġel jiddawwar fil-post tax-xogħol, il-mara m'għandhiex taħseb ħażin f'żewġha li mar ma' xi mara oħra, iktar u iktar jekk żewġha kien dejjem jirrispettaha u jħobbha.

L-irġiel u n-nisa jkattru u jsaħħu l-ħajja tal-familja. Dawn jinkisbu jekk id-drittijiet u dmirijiet jkunu ugwali kemm fil-familja u fil-ħajja pubblika. Fl-istess ħin mill-kontribut ta' l-irġiel u n-nisa, f'kull aspett tal-ħajja, inkluż fil-familja, għandhom ikollhom l-inkoraġġjament ta' kulħadd u meqjusa bħala l-istess valur indipendenti mis-sess ta' l-individwu li jkun qed iwettaq dak is-sehem.

Christine Galea
Year 6